KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.12.2005
KUMM(2005) 696 finali

GREEN PAPER

Dwar Konflitti ta' Ġurisdizzjoni u l-Prinċipju *ne bis in idem* fil-Proċedimenti Kriminali

(prežentat mill-Kummissjoni)

{SEG(2005) 1767}

GREEN PAPER

Dwar Konflitti ta' Ġurisdizzjoni u l-Prinċipju *ne bis in idem* fil-Proċedimenti Kriminali

L-għan ta' din il-Green Paper huwa biex jingħata bidu għal konsultazzjoni b'firxa wiesgħa tal-partijiet interessati dwar il-kwistjonijiet ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali, inkluż il-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Il-Green Paper tidentifika l-problemi li jistgħu jinqalgħu fis-sitwazzjoni preżenti u tagħti suġġerimenti għal soluzzjonijiet potenzjali. Id-dokument ta' ħidma mehmuż jipprovdi analiżi aktar dettaljata.

Il-Kummissjoni tistieden il-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom qabel il-31 ta' Marzu 2006 u jibagħuhom f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà

Unit D3 – Ġustizzja Kriminali
Uffiċċju LX46 3/20
B - 1049 Brussell

E-mail : JLS-criminaljustice@cec.eu.int

Fax: +32-2/296 76 34

Il-partijiet interessati huma mitluba jsemmu b'mod speċifiku jekk jixtiqux li l-kummenti tag ħhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

1. L-isfond

Peress illi l-kriminalità qed tinfirex dejjem aktar fuq skala internazzjonali, il-ġustizzja kriminali ta' l-UE qed tiltaqa' aktar u aktar ma' sitwazzjonijiet fejn diversi Stati Membri għandhom ġurisdizzjoni kriminali biex jieħdu azzjoni kontra l-istess każ. Barra minn hekk, huwa probabbli li bħalissa jinqalgħu bosta prosekuzzjonijiet fuq l-istess każijiet, jew konflitti "pożittivi" ta' ġurisdizzjoni, peress illi l-firxa ta' ħafna mill-ġurisdizzjonijiet kriminali nazzjonali ġiet estiża b'mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar snin.

Diversi prosekuzzjonijiet huma ta' dannu għad-drittijiet u l-interessi ta' l-individwi u jistgħu jwasslu għad-duplikazzjoni ta' attivitajiet. Il-konvenuti, il-vittmi u x-xhieda jistgħu jissejħu għas-seduti f'diversi pajjiżi. B'mod partikolari, proċedimenti ripetuti je ħtieġu multiplikazzjoni ta' limitazzjonijiet fuq id-drittijiet u l-interessi tagħhom, per e żempju, ta' moviment ħieles. Dawn iżidu l-piż psikoloġiku u l-ispejjeż u l-kumplessità ta' rappreżentanza legali. F'żona żviluppata ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jidher xieraq li, fejn ikun possibbli, effetti ta' dannu bħal dawn jiġu evitati permezz ta' l-illimitar ta' diversi prosekuzzjonijiet fuq l-istess każijiet.

Bħalissa, l-awtoritajiet nazzjonali huma ħielsa biex jagħtu bidu għall-prosekuzzjonijiet parralleli tagħhom stess fuq l-istess każijiet. L-uniku ostaklu legali huwa l-prinċipju *ne bis in idem* stipulat fl-Artikoli 54-58 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (CISA). Madankollu, dan il-prinċipju ma jipprevenix il-konflitti ta' ġurisdizzjoni waqt li jkunu għaddejjin diversi prosekuzzjonijiet f'żewġ Stati Membri jew aktar; jista' jidħol fis-seħħ biss, billi jipprevjeni li ssir prosekuzzjoni oħra fuq l-istess każ, jekk deċiżjoni li tibblokka prosekuzzjoni oħra (*res judicata*) tkun temmet il-proċedimenti fi Stat Membru.

Aktar importanti minn hekk, mingħajr sistema li tallokka l-każijiet għall-ġurisdizzjoni xierqa waqt li jkunu għaddejjin il-proċedimenti, *ne bis in idem* jista' jwassal għal riżultati aċċidentali jekk mhux arbitrarji: billi tingħata preferenza lill-ewwel ġurisdizzjoni li tkun kapaċi tieħu deċiżjoni finali, l-effetti tiegħu jammontaw għall-prinċipju ta "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel." Bħalissa l-għażla tal-ġurisdizzjoni qiegħda ssir bix-xorti, u jidher li din hija r-raġuni għaliex il-prinċipju ta' *ne bis in idem* għadu suġġett għal bosta eċċezzjonijiet.

Waħda mis-soluzzjonijiet għall-problema ta' konflitti (pożittivi) ta' ġurisdizzjoni tista' tkun il-ħolqien ta' mekkaniżmu li jallokka l-każijiet lil ġurisdizzjoni li tkun tixraq. Meta l-prosekuzzjonijiet huma miġbura f'ġurisdizzjoni waħda, il-kwistjoni ta' *ne bis in idem* ma tinqalax. Barra minn hekk, mekkaniżmu bħal dan jikkumplimenta l-prinċipju ta' għarfien reċiproku, li jsostni li deċiżjoni ġudizzjarja meħuda fi Stat Membru partikolari hija mgħarrfa u – fejn ikun hemm bżonn – infurzata mill-Istati Membri l-oħra.

F'din il-Green Paper, il-Kummissjoni tfassal il-possibbiltajiet għall-ħolqien ta' mekkaniżmu li jiffaċċilita l-għażla tal-ġurisdizzjoni l-aktar xierqa fil-proċedimenti kriminali, kif ukoll il-possibbilità ta' reviżjoni tar-regoli tan-*ne bis in idem*. Il-Paper twieġeb għall-punt 3.3 tal-Programm ta' The Hague, u tal-Programm ta' Għarfien Reċiproku tad-29.11.2000 (b'mod partikolari l-punt 2.3 u l-miżuri 1 u 11 tiegħu). Il-miżuri rilevanti ta' l-UE jistgħu jiġu adottati bħala deċiżjoni ta' qafas, ibbażati fuq l-Artikolu 31(1)(d)

tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea (TEU), li skond dan, azzjoni komuni għandha tinkludi l-prevenzjoni ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni bejn l-Istati Membri. Jekk ikun hemm bżonn, l-ittra c ta' l-Artikolu 31(1) tista' sservi bħala bażi kumplimentarja biex tiżgura l-kompatibilità fir-regoli applikabbli fl-Istati Membri skond il-ħtieġa għal titjib fil-kooperazzjoni ġudizzjarja.

2. Il-Ħolqien ta' Mekkaniżmu għall-Għażla ta' Ġurisdizzjoni

2.1. Prerekwiżiti

Hemm bżonn li l-mekkaniżmu li l-għan li hu li jallokka l-każijiet lil ġurisdizzjoni li tkun tixraq, jevita l-burokrazija żejda, filwaqt li jagħti garanziji ta' strateġija bbilanċjata b'rispett lejn id-drittijiet ta' l-individwi involuti. Sabiex dan jiffunzjona, hemm bżonn li jintlaħqu żewġ prerekwiżiti fundamentali.

L-ewwelnett, l-awtoritajiet kompetenti għandhom isiru konxji tal-proċedimenti u/jew tad-deċiżjonijiet relatati fil-ġurisdizzjoni ta' xulxin: għandhom jitħallew, u forsi jkunu obbligati wkoll, li jparttu l-informazzjoni rilevanti.

It-tieni, ladarba jsiru konxji mill-proċedimenti fi Stati Membri oħra, l-awtoritajiet ta' Stat Membru li jkunu qed iħarrku għandu jkollhom il-kapaċità li jieqfu milli jibdew prosekuzzjoni ġdida, jew li jwaqqfu prosekuzzjoni eżistenti, għal ebda raġuni oħra ħlief dik li Stat Membru ieħor ikun qiegħed jieħu azzjoni fuq l-istess każ.

Il-waqfa milli jibdew prosekuzzjoni ġdida, (jew it-twaqqif ta' prosekuzzjoni eżistenti) tista' tqajjem problemi għall-ordni legali ta' l-Istati Membri li huma konformi mal-prinċipju ta' legalità, fejn l-awtoritajiet kompetenti għandhom id-dmir li jħarrku għal kull delitt li jaqa' fil-kompetenza tagħhom. Dan jista' joħloq problemi, b'mod partikolari, fejn il-prinċipju jkun jeżisti f'Kostituzzjoni nazzjonali. Għalhekk, jista' jkun hemm provvediment għal eċċezzjoni għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fi strument futur. F'dan ir-rigward, wieħed jista' jargumenta b'mod validu illi f'żona komuni ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, dan il-prinċipju huwa ssodisfat meta fi Stat Membru ieħor tkun g ħaddejja prosekuzzjoni ta' l-istess każ.

2.2. Il-Proċedura

Ladarba l-prerekwiżiti msemmija hawn fuq jitwettqu, dawn il-passi proċedurali li ġejjin jistgħu jiffurmaw parti mill-mekkaniżmu ssuġġerit.

Pass 1: l-identifikazzjoni u l-informazzjoni tal-"partijiet interessati"

Fil-bidu, jidher ta' siwi li wieħed jiddentifika l-Istati Membri li jistgħu jkunu interessati u jinfurmahom biex jipparteċipaw fil-proċess ta' l-għażla tal-ġurisdizzjoni l-aktar xierqa għal każ speċifiku. Għal dan il-għan, regola ta' l-UE tista' tagħmel provvediment illi l-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru li **taw bidu jew se jagħti bidu għal prosekuzzjoni kriminali** ("L-Istat inizjatur") **f'każ li juri rabtiet sinifikanti ma' Stat Membru ieħor, għandu jinfurma** lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor, malli jasal il-waqt. Obbligu bħal dan jista' japplika għall-awtoritajiet inkarigati mit-taħrik, u/jew għal awtoritajiet oħra ġudizzjarji/investigattivi jew ta' l-infurzar tal-liġi skond il-karatteristiċi partikolari tas-sistemi tal-ġustizzja

kriminali ta' l-Istati Membri. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet infurmati jistgħu jindikaw l-interess tagħhom fil-prosekuzzjoni tal-każ in kwistjoni. Wieħed jista' jipprevedi illi din l-espressjoni ta' interess għandha tkun iddikjarata f'perjodu ta' żmien stabbilit. Madankollu, is-sistema tista' wkoll tippermetti, f'każi eċċezzjonali, li jinqabeż iż-żmien stabbilit għad-dikjarazzjonijiet ta' espressjoni ta' interess. Jekk l-ebda Stat Membru ma jesprimi interess, l-Istat *inizjatur* jista' jibqa' għaddej bil-prosekuzzjoni tal-każ mingħajr iżjed konsultazzjoni – sakemm fatti ġodda ma jbiddlux is-sitwazzjoni.

Pass 2: konsultazzjoni/diskussjoni

Meta żewġ Stati Membri jew aktar huma interessati li ssir prosekuzzjoni ta' l-istess ka ż, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom għandhom ikunu kapaċi jeżaminaw flimkien il-kwistjoni dwar liema hu "l-aħjar post" fejn għandha ssir il-prosekuzzjoni. Waħda mill-għażliet tista' tkun il-ħolqien **ta' dmir li wieħed jidħol f'diskussjonijiet** sabiex l-opinjonijiet ta' l-Istati Membri kollha interessati jkunu jistgħu jitqiesu. F'dan l-istadju, il-kuntatti diretti bejniethom jidher li huwa l-mezz l-aktar effiċjenti ta' diskussjoni. Jekk ikun hemm bżonn, jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' l-Eurojust u/jew ta' mekkaniżmi oħrajn ta' għajnuna ta' l-Unjoni.

It-tieni pass sikwit jista' jwassal għal ftehim bikri dwar l-għażla tal-ġurisdizzjoni l-aktar xierqa biex issir prosekuzzjoni ta' każ li jqajjem kwistjonijiet ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni. Għalhekk, ċerti awtoritajiet nazzjonali *jagħlqu jew iwaqqfu* l-pro ċedimenti tagħhom b'mod volontarju (jew jieqfu milli jibdew il-proċedimenti), waqt li awtorità oħra tibda jew tkompli bil-proċedimenti tagħha dwar il-każ. F'xenarju bħal dan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu sempliċiment jipproċedu skond il-liġi nazzjonali tagħhom. Għalhekk, jidher illi m'hemmx bżonn ta' regoli li jorbtu għal dawn il-miżuri fuq livell ta' l-UE. Skond il-mekkaniżmu msemmi, deċiżjonijiet domestiċi b ħal dawn jistgħu jiġu riveduti mill-Istati Membri kkonċerntati jekk sejbiet ġodda jbiddlu s-sitwazzjoni. Madankollu, f'ċerti każijiet, l-awtoritajiet domestiċi jistgħu jippreferu jikkonkludu ftehim li jorbot biex jiżguraw iċ-ċertezza legali u biex jevitaw il-bidu mill-ġdid tad-dibattitu. Jekk jixtiequ jagħmlu hekk, jistgħu jagħmlu użu minn **ftehim ta' mudell ta' l-UE**, li jista', *inter alia*, jipprovdi regoli komuni għad-denunzja ta' dawn il-ftehimiet.

Pass 3: riżoluzzjoni ta' tilwim/medjazzjoni

Meta ftehim ma jistax jintlaħaq faċilment, ikun hemm bżonn ta' mekkaniżmu għar-ri żoluzzjoni tat-tilwim. Dan il-pass għandu joffri l-opportunità ta' djalogu strutturat bejn il-partijiet interessati li jkun jippermetti kunsiderazzjoni oġġettiva ta' l-interessi involuti. Għal dan il-għan, jidher xieraq li jkun involut korp fuq livell ta' l-UE li jag ħmilha ta' **medjatur** billi jgħin l-Istati Membri kkonċernati jilħqu ftehim volontarju billi jagħmlu użu tal-kriterji mfassla hawn taħt. L-Eurojust tidher li hija f'pożizzjoni tajba biex tassumi dan ir-rwol. Tkun ukoll konċepibbli l-idea li jinħoloq korp ġdid għar-riżoluzzjoni ta' tilwim, per eżempju bord jew panel magħmul minn prosekuturi nazzjonali ta' livell għoli u/jew imħallfin.

Dan it-tielet pass jista' jibda fuq it-talba ta' kwalunkwe Stat Membru li esprima interess fil-prosekuzzjoni tal-każ. Ikun validu wkoll l-argument li proċedura ta' riżoluzzjoni ta' tilwim għandha tkun mandatorja wara li jiskadi perjodu ta' żmien f'pass 2, biex ikun żgurat illi l-każijiet ta' nuqqas ta' ftehim jiġu trasferiti mill-ewwel għal stadju fejn tkun

tista' tinkiseb għajnuna mill-UE. Meta jintlaħaq ftehim fit-3 pass, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-istess għażliet bħal f'pass 2 (li jwaqqfu l-proċedimenti b'mod volontarju f'xi Stati Membri sabiex iwettqu prosekuzzjoni fi Stat Membru ieħor, jew konklużjoni ta' ftehim li jorbot).

Konformità soda mar-regoli tal-mekkaniżmu fi tliet stadji li qed jiġi ssuġġerit, flimkien ma' sett ta' kriterji għall-għażla ta' ġurisdizzjoni kif imfassal hawn taħt (il-punt 2.5) probabbilment twassal għal ftehim f'ħafna mill-każijiet jekk mhux fil-maġġoranza tag ħhom. Dan il-mekkaniżmu jista' jitħaddem f'qasir żmien, u jista' jkun ikkunsidrat suffi ċjenti sakemm aktar esperjenza ma tiżvelax il-bżonn għall-aktar passi. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-prinċipju *ne bis in idem* jista' jitwettaq "mill-ġdid".

Il-possibilità ta' pass addizzjonali: deċiżjoni li torbot minn korp ta' l-UE?

Fl-aħħarnett, għal każijiet fejn ir-riżoluzzjoni ta' tilwim li qed tiġi suġġerita tfalli, wie ħed jista' jikkunsidra bħala pass ieħor, jekk korp fuq livell ta' l-UE għandux jkollu l-poter li jieħu deċiżjoni li torbot bħala l-ġurisdizzjoni l-aktar xierqa. Madankollu, dan il-pass addizzjonali jkun diffiċli jitwettaq fil-qafas tat-Trattat preżenti. L-ewwelnett, ikun meħtieġ li jitwaqqaf korp ġdid, peress illi r-rwoli ta' medjatur u ta' istanza li tieħu d-de ċiżjonijiet li jorbtu ma jidhrux kompatibbli. It-tieni, mistoqsijiet diffiċli dwar l-analiżi ġudizzjarja ta' deċiżjoni fuq livell ta' l-UE jistgħu jinqalgħu, kif jidher hawn taħt.

2.3. Ir-rwol ta' l-individwi u l-analiżi ġudizzjarja

Matul il-**fażi preliminari għall-kawża,** il-mekkaniżmu suġġerit jiffoka fuq konsultazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti li qed iħarrku. Id-diskussjoni ta' kwistjoniet ta' ġurisdizzjoni ma' l-individwi kkonċernati sikwit tista' tiżvela fatti li jistg ħu jpoġġu l-prosekuzzjoni f'periklu jew jaffettwaw id-drittijiet u l-interessi tal-vittmi u x-xhieda. Probabbilment, id-deċiżjoni dwar jekk riskju bħal dan hux preżenti f'każ spe ċifiku tista' titħalla f'idejn il-qrati nazzjonali. Jekk l-ebda riskju ma jkun identifikat, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintalbu jinfurmaw id-difiza u l-vittmi kkonċernati minnufih, dwar id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni l-aktar xierqa. Ikun xi jkun il-każ, l-individwi kkonċernati għandhom jiġu infurmati dwar ir-raġunijiet prinċipali għall-għa żla ta' ċerta ġurisdizzjoni mhux aktar tard miż-żmien meta l-akkuża tintbagħat lill-qorti.

B'kuntrast mal-fażi preliminari għall-kawża fejn normalment ir-rwol ta' l-individwi involuti huwa limitat ħafna, fil-fażi tal-kawża (u/jew f'fażi intermedjarja) qorti nazzjonali li tirċievi akkuża normalment tanaliżża jekk din għandhiex ġurisdizzjoni biex tinqata' l-kawża. Huwa konċepibbli wkoll li dispożizzjoni ta' l-UE tkun tenħtieġ li l-ġurisdizzjoni li tintgħażel permezz ta' l-użu tal-mekkaniżmu ssuġerit, teżamina jekk **hijiex forum xieraq** għat-trattament tal-każ. Il-qrati nazzjonali jidhru f'pożizzjoni tajba biex iwettqu analiżi bħal din. Analiżi estensiva ta' kull aspett li possibbilment g ħandu rwol f'allokazzjoni tista' tidher li m'hi la vijabbli u lanqas meħtieġa. Għalhekk, analiżi ġudizzjara tista' tasal għal deċiżjoni dwar jekk il-prinċipji ta' **karattru ra ġonevoli** u ta' **proċess imparzjali** ġewx rispettati. Għalhekk, għażla ta' ġurisdizzjoni tista' ssir mit-tribunal kompetenti jekk jaħseb illi l-għażla li saret kienet arbitrarja. Din ir-rivista tista' ssir fuq bażi ta' prinċipji magħruf lill-ordni legali nazzjonali ta' l-Istati Membri, bħal mhu 'l-abbuż ta' proċess.' Skond l-Artikolu 35 TEU, mistoqsijiet ta' interpretazzjoni ta' regoli ffissati fuq livell ta' l-Unjoni dwar il-mekkaniżmu pro

ċedurali u l-kriterji għall-għażla ta' ġurisdizzjoni jistgħu jiġu ppreżentati lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) għal sentenzi preliminarji.

Fuq talba ta' l-individwi involuti, analiżi ġudizzjarja ta' allokazzjonijiet ta' ġurisdizzjoni tidher meħtieġa, mill-inqas, meta każ ikun allokkat għall-ġurisdizzjoni speċifika permezz ta' ftehim li jorbot. Dan minħabba l-fatt li ftehimiet bħal dawn li jorbtu jistgħu jxekklu l-kapaċità ta' l-Istati Membri involuti li jiċħdu l-allokazzjoni ta' ġurisdizzjoni aktar tard. Il-kwistjoni dwar jekk analiżi ġudizzjarja għandhiex ukoll tkun disponibbli fis-sitwazzjonijiet fejn l-ebda ftehimiet li jorbtu ma jeżistu, tista' possibbilment titħalla għad-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri u l-liġijiet nazzjonali tagħhom. (Jiġifieri, f'każ fejn l-awtoritajiet f'ċerti Stati Membri sempliċiment ingħalqu, jew ma tawx bidu għal prosekuzzjoni bil-għan illi l-prosekuzzjoni tal-każ issir fi Stat Membru ieħor).

Jinqalgħu mistoqsijiet aktar kumplessi jekk, bħala pass addizzjonali, is-setgħa biex jittieħdu d-deċiżjonijiet tgħaddi għal korp ta' l-UE. F'dan il-każ, analiżi ġudizzjarja tkun indispensabbli. Madankollu, m'huwiex xierqa jew legalment possibbli li bħalissa l-qrati nazzjonali jingħataw l-inkarigu li jirrevedu d-deċiżjonijiet li ttieħdu minn korp ta' l-UE. Min-naħa l-oħra, it-Trattati kurrenti m'għandhomx bażi legali biex jagħtu din is-setgħa ta' analiżi lill-QEĠ. It-Trattat li Jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jagħti provvediment għal bażi legali għal analiżi bħal din fl-Artikolu III-359. Fi ħdan il-qafas tat-Trattat preżenti, il-possibbiltà għal emenda tat-Trattat komparabbli tista' tiġi esplorata.

2.4. Il-prijorità għal prosekuzzjoni fl-Istat Membru "ewlieni"

Flimkien mal-mekkaniżmu ta' l-allokazzjoni, dispożizzjoni ta' l-UE tista' tobbliga lill-Istati Membri biex jikkonċentraw il-proċedimenti fuq l-istess każ f'ġurisdizzjoni waħda "ewlenija". Minn ċertu stadju proċedurali 'l quddiem, l-Istati Membri l-oħra jistgħu jkunu obbligati jwaqqfu l-prosekuzzjonijiet tagħhom u jieqfu milli jibdew prosekuzzjonijiet ġodda. L-applikazzjoni **ta' regola ta' prijorità** bħal din għandha ta ħdem flimkien mal-mekkaniżmu mfassal hawn fuq; inkella r-riżultati jkollhom jiddependu mix-xorti.

Peress illi s-sejbiet il-ġodda sikwit jistgħu jibdlu l-fehma dwar dak li fil-bidu jkun ġie kkunsidrat bħala "l-aħjar lok" għal prosekuzzjoni, jista' ma jkunx għaqli li l-awtoritajiet kompetenti jinġiegħlu jagħmlu għażla definittiva ta' ġurisdizzjoni fi stadju bikri. L-aħjar stadju għal regola li teħtieġ li l-prosekuzzjonijiet kollha paralleli jkunu kkon ċentrati f'ġurisdizzjoni waħda jidher **il-mument meta tintbagħat l-akkuża** quddiem il-qorti nazzjonali, peress illi f'dan l-istadju t-tagħrif neċessarju li jkun meħtieġ għal valutazzjoni bir-reqqa ta' kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni jkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, il-piżijiet prinċipali għall-individwi kkon ċernati sikwit isegwu l-akkuża u għalhekk il-multiplikazzjoni ta' dawk il-piżijiet, fil-biċ ċa l-kbira tagħhom, ikunu għadhom jistgħu jiġu evitati jekk ir-regola tapplika minn din il-fażi 'l quddiem.

Biex ma jsirx l-evitar tal-mekkaniżmu proċedurali, m'għandux ikun permess li akkuża tasal quddiem il-qorti waqt li konsultazzjoni u/jew proċedura ta' riżoluzzjoni ta' tilwim ikunu għadhom għaddejja. Fi kliem ieħor, qabel l-awtoritajiet nazzjonali ma jaċċettaw akkuża, huma għandhom jissoddisfaw id-dmiriijiet tagħhom ta' informazzjoni u konsultazzjoni. Meta ma jagħmlux hekk, ikollhom iwaqqfu l-proċedimenti tal-qorti

fuq it-talba ta' xi Stat Membru ieħor.

Madankollu, fl-ebda każ regola ta' prijorità m'għandha tipprevjeni Stati Membru oħra milli jappoġġa bi kwalunkwe mod lill-*Istat ewlieni*, permezz tal-miżuri eżistenti fl-UE u fuq livell internazzjonali. Għall-kuntrarju, għandhom jagħtu għajnuna b'mod pro-attiv jekk ikun hemm bżonn.

2.5. Kriterji Rilevanti

Flimkien ma' mekkaniżmu proċedurali u regola ta' prijorità, lista ta' kriterji li għandha tintuża mill-Istati Membri fl-għażla ta' ġurisdizzjoni ewlenija għandha tkun it-tliet element ta' strateġija sħiħa biex tipprevjeni u ssolvi kunflitti ta' ġurisdizzjoni. Huwa vijabbli li jkunu identifikati numru ta' kriterji rilevanti li għandhom ikunu applikati u meqjusa b'metodu kemmxejn flessibbli każ b'każ, jiġifieri, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni.

Dawk il-kriterji, jew fatturi rilevanti, li se jinfluwenzaw il-proċess ta' kif tiġi determinata ġurisdizzjoni xierqa, għandhom ikunu oġġettivi u jistgħu jkunu elenkati fi strument futur ta' l-UE. B'mod partikolari, il-lista tista' tinkludi *t-territorjalità, il-kriterji relatati mal-bniedem suspettat jew il-konvenut, l-interessi tal-vittmi, il-kriterji relatati ma' l-interessi ta' l-Istat, u ċerti kriterji oħra relatati ma' l-effiċjenza u r-rapidità tal-proċedimenti.* Jista' jkun li ċerti fatturi li *m'għandhomx* ikunu ta' rilevanza jistgħu wkoll jiġi identifikati.

Bħala stadju ieħor, l-Istati Membri jistgħu jaqblu fuq ċerti prinċipji bażiċi dwar il-prijoratizzazzjoni jew is-sekwenzar fl-ambitu tal-lista ta' kriterji, jekk jinstab li dan ikun meħtieġ. Min-naħa l-oħra, metodu aktar flessibbli jista' jkun preferut. Irrispettivament minn jekk prijoratizzazzjoni jew sekwenzar bħal dawn fost il-kriterji rilevanti jkunux imfassla fi strument ta' l-UE, jidher vijabbli u neċessarju li mill-inqas ikun hemm qbil fuq prinċipju ġenerali ta' gwida għall-allokazzjoni ta' ġurisdizzjoni. Per eżempju, prinċipju bħal dan jista' jagħmel referenza għal **karattru raġonevoli** u/jew ta' **proċess imparzjali**. Fi kliem ieħor, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkunu obbligati li jqisu l-interessi ta' l-individwi kkonċernati. Il-kejl, kif ukoll il-mistoqsija prinċipali għal analiżi ġudizzjarja possibbli, għandhom ikunu amministrazzjoni imparzjali tal-ġustizzja, ibbażata fuq analiżi komprensiva tal-fatti rilevanti u kejl bilanċjat tal-kriterji rilevanti.

3. Il-prinċipju tan-*NE BIS IN IDEM*

L-Artikoli 54 sa 58 taċ-ĊISA fuq il-prinċipju tan-*ne bis in idem* bħalissa jorbtu fiż-Żona ta' Schengen kollha, fl-għaxar Stati Membri li ssieħbu fl-2004, fl-Iżlanda u n-Norveġja u fir-Renju Unit; estenzjoni għall-Irlanda għandha tasal dalwaqt. Il-programm ta' għarfien reċiproku ta' Diċembru 2000 talab li dawk id-dispożizzjonijiet, partikolarment l-eċċezzjonijiet tal-prinċipju, jerġgħu jkunu kkunsidrati. Il-Kunsill ma setax jaqbel ma' l-inizjattiva relatata tal-Greċja għal Deċiżjoni ta' Qafas[1], iżda enfasizza li x-xogħol għandhu jkompli, "fid-dawl tal-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-Kunflitti ta' Ġurisdizzjoni sabiex ikun żgurat li valur miżjud ippruvat seta' jinkiseb."

[1] ĠU C 100, 26.4.2003, pġ. 24.

Jekk mekkaniżmu li jwassal għal għażliet ta' ġurisdizzjoni bbilanċjati jista' jkun stabbilit, minflok li jingħata effett esklussiv għall-prosekuzzjoni "l-iktar mgħaġġla" ("min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel"), diskussjonijiet fuq in-*ne bis in idem* jistgħu jibdew mill-ġdid flimkien bi prospetti itjeb ta' suċċess. F'dan il-kuntest, dawn il-mistoqsijiet li ġejjin jistgħu jkunu indirizzati.

L-ewwelnett, aktar kunsiderazzjoni għandha tingħata dwar jekk hemmx bżonn ta' kjarifika ta' ċerti elementi u definizzjonijiet, per eżempju, rigward it-tipi ta' deċi żjonijiet li jista' jkollhom l-effett tan-*ne bis in idem*, u/jew rigward ta' x'għandna nifhmu b' *idem* jew b' "l-istess fatti".

It-tieni, f'każ ta' deċiżjoni ta' kundanna, il-prinċipju bħalissa japplika biss meta l-piena imposta "tkun ġiet infurzata, hija fil-proċess ta' l-infurzar jew ma tistax tkun infurzata aktar...". Din il-kondizzjoni ġiet iġġustifikata f'sistema tradizzjonali ta' għajnuna re ċiproka, fejn l-infurzar ta' piena fi Stati Membri oħra sikwit kien ikun diffiċli. Jeżisti dubju dwar jekk dan il-prinċipju għadx hemm bżonnu f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fejn issa l-infurzar bejn il-fruntieri jsir permezz ta' l-għarfien reċiproku ta' l-istrumenti ta' l-UE.

It-tielet, huwa dubjuż jekk il-possibbilitajiet preżenti għad-derogi mill-prinċipju tan-*ne bis in idem* għadhomx meħtieġa. Bħalissa, l-Artikolu 55 CISA tgħin lill-Istati Membri biex jagħmlu provvediment għall-eċċezzjonijiet, li huma relatati ma' l-interessi fil-prosekuzzjoni ta' każijiet speċifiċi f'ġurisdizzjoni partikolari (per eżempju, it-territorjalità, l-offiżi kontra s-sigurtà nazzjonali jew l-atti ta' uffiċjali ta' Stat Membru). Dawk l-eċċezzjonijiet jistgħu jsiru irrilevanti mal-ħolqien ta' mekkaniżmu bbilanċjat g ħall-għażla ta' ġurisdizzjoni.

4. It-Tisħiħ tal-Prinċipju ta' Għarfien Reċiproku

Il-miżuri ssuġeriti jistgħu wkoll jgħinu lill-Unjoni biex tnaqqas in-numru ta' raġunijiet għan-nuqqas tat-twettiq ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji minn Stati Membri oħra li bħalissa jinstabu fi strumenti ta' l-UE. Minħabba s-sitwazzjoni eżistenti tal-kunflitti ta' ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali, xi whud minn dawn ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' twettiq jistgħu jkunu kkunsidrati meħtieġa. Per eżempju, dan jidher li huwa każ g ħal raġunijiet ibbażati fuq il-fatt li att ikun seħħ fit-territorju ta' l-istat eżekutur, bħal per eżempju, fl-Artikolu 4(7)(a) tad-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.

Mistoqsijiet

(1) Hemm bżonn ta' dispożizzjoni Ewropea li ssostni li l-liġi nazzjonali għandha tippermetti li proċedimenti jiġu sospiżi minħabba proċedimenti fi Stati Membri oħra?

(2) Għandu jeżisti d-dmir li ġurisdizzjonijiet oħra ta' prosekuzzjonijet għaddejjin jew anti ċipati jkunu infurmati jekk ikun hemm rabtiet sinifikanti ma' dawk il-ġurisdizzjonijiet l-o ħra? Kif għandu jsir l-iskambju ta' tagħrif dwar proċedimenti għaddejjin, deċiżjonijiet finali u deċiżjonijiet oħra relatati?

(3) Għandu jkun hemm id-dmir li wieħed jidħol f'diskussjonijiet ma' l-Istati Membri li g ħandhom rabtiet sinifikanti ma' każ partikolari?

(4) Hemm bżonn ta' mudell ta' l-UE dwar il-ftehimiet li jorbtu fost l-awtoritajiet kompetenti?

(5) Għandu jkun hemm proċess ta' riżoluzzjoni għal tilwim/medjazzjoni meta d-diskussjonijiet diretti ma jirriżultawx fi ftehim? Liema entità tidher l-aħjar biex twettaq medjazzjoni ta' tilwim fuq ġurisdizzjoni?

(6) Minbarra l-proċess ta' riżoluzzjoni ta' tilwim/proċess ta' medjazzjoni, jeżisti l-bżonn g ħal aktar passi, bħal per eżempju, deċiżjoni meħuda minn entità fuq livell ta' l-UE?

(7) X'tip ta' mekkaniżmu għal kontroll ġudizzjarju jew analiżi ġudizzjarja jkun meħtieġ u xieraq fir-rigward ta' allokazzjonijiet ta' ġurisdizzjoni?

(8) Hemm bżonn ta' regola jew prinċipju li jitolbu t-twaqqif/it-tmiem ta' proċedimenti paralleli fi ħdan l-UE? Jekk iva, minn liema stadju proċedurali għandha tapplika din ir-regola?

(9) Hemm bżonn ta' regoli dwar il-konsultazzjoni u/jew it-trasferiment ta' proċedimenti li g ħandhom x'jaqsmu ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari ma' partijiet għall-Kunsill ta' l-Ewropa? Xi tip ta' strateġija għandu jkun applikat f'dan il-każ?

(10) Strument futur dwar konflitti ta' ġurisdizzjoni għandu jinkludi lista ta' kriterji li g ħandhom jintużaw fl-għażla ta' ġurisdizzjoni?

(11) Minbarra t-territorjalità, liema kriterji oħra għandhom ikunu msemmija f'lista bħal din? Lista bħal din għandha tkun eżawrjenti?

(12) Taħseb li lista bħal din għandha tinkludi fatturi li m'għandhomx jiġu kkunsidrati rilevanti fl-għażla ta' ġurisdizzjoni xierqa? Jekk iva, liema huma dawn il-fatturi?

(13) Huwa meħtieġ, vijabbli u xieraq li l-kriterji jiġu "prijoratizzati" fil-għażla ta' ġurisdizzjoni? Jekk iva, taqbel li t-territorjalità għandha tingħata prijorità?

(14) Hemm bżonn ta' regoli riveduti ta' l-UE fuq in-*ne bis in idem?*

(15) Taqbel mad-definizzjoni li ġejja fir-rigward ta' l-ambitu tan-*ne bis in idem:* "deċiżjoni fi kwistjonijiet kriminali li jew ittieħdet minn awtorità ġudizzjarja jew li kienet suġġetta g ħal appell quddiem awtorità bħal din"?

(16) Taqbel ma' din id-definizzjoni li ġejja ta' "deċiżjoni finali": "*...deċiżjoni, li ma tippermettix prosekuzzjoni kriminali ġdida skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn tkun ittieħdet, sakemm din il-projbizzjoni nazzjonali tmur kontra l-għanijiet tat-TEU?*

(17) Ikun aktar xieraq jekk id-definizzjoni ta' "deċiżjoni finali" tkun suġġetta għall-eċ ċezzjonijiet espressi? (*per eżempju, "deċiżjoni li ma tippermettix prosekuzzjoni kriminali ġdida skond il-liġi ta' l-Istat Membru fejn tkun ittieħdet, ħlief meta...")*

(18) Barra minn hekk, fejn għandhom x'jaqsmu l-elementi msemmija fil-mistoqsijiet 16 u 17, għandha tkun deċisiva l-valutazzjoni preċedenti tal-merti dwar jekk deċiżjoni għandhiex effett *ne bis in idem* madwar l-UE kollha?

(19) Huwa vijabbli u meħtieġ li tingħata definizzjoni tal-kunċett ta' *idem* ikun identifikat, jew dan għandu jitħalla f'idejn il-ġurisprudenza ta' l-ECJ?

(20) Jidhru xi sitwazzjonijiet fejn għadha neċessarja ż-żamma ta' kundizzjoni ta' l-infurzar, u jekk iva, liema huma dawn is-sitwazzjonijiet? Jekk iva, tista' titneħħa l-kundizzjoni jekk jitwaqqaf mekkaniżmu għall-għażla ta' ġurisdizzjoni?

(21) Sa fejn għandhom jistgħu jiġu ġġustifikati d-derogi fl-Artikolu 55 CISA? Jistgħu dawn id-derogi jitneħħew jekk jitwaqqaf mekkaniżmu għall-għażla ta' ġurisdizzjoni, jew ta ħseb li hemm bżonn ta' aktar miżuri biex "jikkumpensaw" għat-tneħħija tad-derogi f'dawn iċ-ċirkostanzi?

(22) In-*ne bis in idem* għandu jkun bażi għar-rifjut mandatorju ta' għajnuna legali reċiproka? Jekk iva, liema dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-UE għandhom ikunu adattati?

(23) Hemm bżonn ta' metodu aktar koerenti fir-rigward tal-prinċipju *ne bis in idem* fejn g ħandhom x'jaqsmu l-pajjiżi terzi? Wieħed għandu jagħmel differenza bejn il-partijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa u pajjiżi oħra?

(24) Taqbel li b'mekkaniżmu bbilanċjat għall-għażla ta' ġurisdizzjoni?

(a) ċerti raġunijiet għan-nuqqas tat-twettiq fl-istrumenti ta' għarfien reċiproku ta' l-UE jistgħu ma jibqgħux meħtieġa, almenu parzjalment? Liema jistgħu jkunu dawn ir-raġunijiet, partikolarment?

(b) ċerti raġunijiet għan-nuqqas tat-twettiq opzjonali għandhom ikunu mibdula f'ra ġunijiet għan-nuqqas ta' twettiq mandatorju jew *vice versa*? Liema jistgħu jkunu dawn ir-raġunijiet, partikolarment?